1045 Ida'andek ktir'ate min malek w ida'andek qlil'ate men qalbek.
If you have much give from your wealth, if you have little give from your heart.
Yekk għandek ħafna għati minn mielek yekk għandek ftit għati minn qalbek.

1058 Bni u 'alli sir u halli.
Build and make high, go and leave.
Ibni u għalli mur u ħalli.

1063 Li 'andu l-qmah isellef d-dqeq.
He who has wheat should lend flour.
Min għandu l-qamħ yislef it-tqieq.

1076 Ma ya'te hadd l-hmira nhar l-'id.
No one gives yeast on a feast day.
Ma yagħti ħadd il-ħmira nhar il-għid.

1127 Klam d-daif bhal x-xta fe s-saif.
The words of a guest are like rain in summer.
Kliem il-mistieden bħax-xita fis-saif.

1156 Xhal ma tal l-lil yesbah.
However long the night may last, there will be a morning.
Itul kemm itul il-leil yisbaħ.

1168 Yakul m'a d-dib u yebki m'a r-ra'i.
He eats with the jackal and weeps with the shepherd.
Jekol mad-dib u yibki mar-ragħai.

1176 La t-'in s-saraq alu ikun ġaraq.
Do not help a thief even though he is drowing.
La tgħinx l-ħalliel għad li ikun ser yegħreq.

1186 L-melh ma tedduwed.
Salt will not become wormeaten.
L-melħ ma idewwidx.

1200 Xkun 'aduk l-fula qalt lu den hu m'ai fe l-mezwud.
Who is your enemy? The bean said to him, he is with me in the skin-sack.
Min hu l-għadu tiegħek? Qaltlu l-fula : dan hu miegħi fil-miżwed.

1201 L-qandil laidawwi 'ala n-nas u laiharraq rasu.
The candle gives light to the people and burns its head.
Il-musbieħ iddawwal in-nies u yaħraq rasu.

(*Jissokta*)

**T. Z.**

# PRESEPJU TA' TFULITI

Daqsxejn ta' grotta w xi ngħajġiet mal-plajja,
erba' tibniet u fuqhom Bambin ċkejken,
San Ġużepp u l-Madonna, baqra w ħmara,
dan il-presepju ta' tfuliti; msejken,

iżda, meta ma' sħabi tfal ta' mpari,
jien kont inħares ċass fuq il-Bambin,
kont inħoss qalbi tfur bil-ferħ u l-hena,
għax jien kont naħlef illi dak il-ħin

Ġesù kien ikun hemm jarani nħares
u f'ħarsti jifhem x'kelli f'qalbi jien:
xewqa sabiħa li l-presepju ċkejken
jibqagħli dehra kemm itul iż-żmien.

U jiena naħseb illi, meta f'Betlem
daħlu r-ragħajja wara dik l-Aħbar,
u sabu lill-Bambin ġewwa maxtura,
u semgħu l-anġli jgħannu fuq il-għar,

ma kinetx akbar ta' l-imħabba l-mewġa
li ħammret fuq ħaddej dawk it-twajbin,
minn dik li kienet tixgħel ġewwa qalbi
kull meta ħarist jien fuq il-Bambin.

Nhar l-Epifanija 1932.

**Dun Karm**